**Frotta bnina**

Ħalliehom ħa jħabbtu l-ilmijiet kotrana
Lilek żgur fuq li żgur qatt mhu se jilħquk,
Tinsiex, int għandek l'Alla  li hu magħna
Jibgħatlek bil-bosta l-anġli ħa jfarrġuk.

Int li b'qalb kbira kemm taffaċċja l-ħajja
Mhux l-ewwel darba li tħossok hekk waħdek,
Imma ġo fik minkejja dawn it-tlajja'
Titla' l-fwieħa ħelwa lejn Alla f'talbek.

Ibqa' miexja l-mixja tat-tama ħienja
Li sserrħek anki meta terfa' s-salib,
Tant li tispiċċa tistira, kważi tnin.

Qatt tinsa li tinsab waħda  mit-tmienja
Li Gesù tana minn qalbu ta' ħabib,
Issokta kun frotta mill-frott tiegħu bnin.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.